

ANNEX IV
RAPPORTAR GĦAL FORNITURI TA' SERVIZZI TAL-KRIPTOASSI –
STRUZZJONIJIET

Werrej

| | |
|---|----------|
| PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI | 2 |
| I. STRUTTURA | 2 |
| II. AMBITU TAR-RAPPORTAR | 2 |
| PARTI II: INFORMAZZJONI DWAR ID-DETENTURI (S 06.01 u S 06.02) | 3 |
| III. KUMMENTI ĠENERALI DWAR IL-MUDELL S 06.01 | 3 |
| IV. STRUZZJONIJIET DWAR POŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-MUDELL S 06.01..... | 3 |
| V. KUMMENTI ĠENERALI DWAR IL-MUDELL S 06.02 | 4 |
| VI. STRUZZJONIJIET DWAR POŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-MUDELL S 06.02..... | 5 |
| PARTI III: INFORMAZZJONI DWAR TRANŻAZZJONIJIET (S 07.05) | 6 |
| VII. KUMMENTI ĠENERALI DWAR IL-MUDELL S 07.05 | 6 |
| VIII. STRUZZJONIJIET DWAR POŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-MUDELL S 07.05..... | 7 |

PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI

I. Struttura

1. Dan l-Anness fih l-istruzzjonijiet għar-rapportar tal-mudelli għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi.
2. Dan l-Anness jirreferi għal żewġ settijiet differenti ta' mudelli:
 - (a) informazzjoni dwar id-detenturi (S 06.01 u S 06.02)
 - (b) informazzjoni dwar it-tranzazzjonijiet (S 07.05)
3. Għal kull mudell, fejn applikabbli, jiġu pprovduti referenzi legali. Aktar informazzjoni dettaljata dwar aspetti aktar ġenerali tar-rapportar ta' kull blokk ta' mudelli u struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi huma inklużi f' din il-parti tal-Linji Gwida.
4. In-notazzjoni ġenerali segwenti hija segwita fl-istruzzjonijiet: {Mudell; Ringiela; Kolonna; assi-z}.

II. Ambitu tar-rapportar

5. Il-fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi għandhom jipprovdu lill-emittenti l-informazzjoni speċifikata f'dan l-Anness. Għandhom jikkondividu l-informazzjoni mal-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi li jirreferenzjaw munita ufficiali ta' Stat Membru tal-UE, bl-eċċezzjoni tal-mudell S 07.05, fejn l-emittenti kollha tat-tokens irreferenzjati ma' assi u tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom ikunu fl-ambitu.
6. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jissottomettu l-mudelli ta' dan l-Anness fuq bażi trimestrali, bid-dati ta' referenza tal-31 ta' Marzu, tat-30 ta' Ġunju, tat-30 ta' Settembru u tal-31 ta' Diċembru. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jissottomettu dawn il-mudelli sal-21 ta' April, sal-21 ta' Lulju, sal-21 ta' Ottubru u sal-21 ta' Jannar rispettivament.
7. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jipprovdu l-mudelli f'dan l-Anness lill-emittenti rispettivi separatament għal kull token fl-ambitu, filwaqt li jindikaw lill-emittent liema token huwa s-suġġett tas-sottomissjoni partikolari billi jindikaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni, ir-referenza jew l-isem tat-token, fejn disponibbli abbażi tal-white paper tat-token ippubblikata f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2023/1114¹.

¹ Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kripto-assi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).

PARTI II: INFORMAZZJONI DWAR ID-DETENTURI (S 06.01 u S 06.02)

III. Kummenti ġenerali dwar il-mudell S 06.01

- Il-mudell S 06.01 fih l-informazzjoni meħtieġa dwar id-detenturi li għandhom jiġu sottomessi lill-emittenti, biex l-emittenti jikkalkolaw b'mod preċiż in-numru ta' detenturi għall-mudell S 01.00 tal-emittenti skont l-Anness I u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902². Il-mudell S 06.01 għandu jkun fih biss dawk id-detenturi li huma persuni ġuridiċi.
- Dan il-mudell għandu jkun fih informazzjoni fi tmiem id-data ta' referenza, f'konformità mal-mudell S 01.00 "Għadd ta' detenturi – fid-data ta' referenza" li għandu jiġi sottomess lill-emittenti kif ippreżentat fl-Anness I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902. Il-pajjiż ta' detentur għandu jiġi ddeterminat mill-post tad-detentur kif ġej: għall-persuni ġuridiċi, l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat.

IV. Struzzjonijiet dwar pozzjonijiet speċifiċi tal-mudell S 06.01

| Kolonna | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---------|---|
| 0010 | <p><u>Isem</u></p> <p>L-isem uffiċjali rreġistrat għall-persuni ġuridiċi, inkluż kwalunkwe referenza għat-tip ta' kumpanija f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-kumpaniji, f'konformità mal-identifikatur uniku pprovdut għad-detentur fil-kolonna 0020 ta' dan il-mudell.</p> |
| 0020 | <p><u>Kodiċi</u></p> <p>Il-kodiċi bħala parti minn identifikatur tar-ringiela jrid ikun uniku għal kull entità rapportata. Il-kodiċi għandu jkun uniku u użat b'mod konsistenti fil-mudelli kollha u tul iż-żmien. Il-kodiċi għandu dejjem ikollu valur.</p> <p>Il-kodiċi tad-detentur, bħall-kodiċi tal-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) għal persuni ġuridiċi, jew kwalunkwe identifikatur uffiċjali applikabbli ieħor disponibbli. Jekk ikun hemm LEI disponibbli, dan il-LEI għandu jiġi rrapportat.</p> <p>Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-<i>data</i> tal-emittenti, għandu jitqies l-approċċ li ġej meta jiġi rrapportat il-kodiċi. Hemm lista li tikkonsisti f'tipi differenti ta' kodiċijiet għall-entitajiet ġuridiċi. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jirrapportaw l-ewwel tip ta' kodiċi disponibbli mil-lista speċifikata fil-kolonna 0030, billi jibdew mill-ewwel opzjoni fil-lista, imbagħad jinżlu waħda waħda għall-bqija tal-opzjonijiet, f'każ li dak it-tip ta' identifikatur ma jkunx disponibbli għad-detentur.</p> |

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902 tal-20 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar relatat mat-tokens irreferenzjati ma' assi u mat-tokens tal-flus elettroniċi denominati f'munita li mhijiex munita uffiċjali ta' Stat Membru (ĠU L, 2024/2902, 28.11.2024).

| | |
|------|---|
| 0030 | <p><u>Tip ta' kodiċi</u></p> <p><u>Tipi ta' kodiċijiet ta' persuni ġuridiċi:</u></p> <ol style="list-style-type: none"> 1. kodiċi tal-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) 2. numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali uffiċjali jew Identifikatur Uniku Ewropew (EUID) disponibbli skont id-Direttiva (UE) 2017/1132³ 3. numru ta' identifikazzjoni tal-kontribwent uffiċjali rreġistrat 4. tip ieħor ta' numru ta' identifikazzjoni <p>It-tip ta' kodiċi għandu dejjem jiġi rrapportat.</p> |
| 0040 | <p><u>Bejgħ bl-imnut/mhux bl-imnut</u></p> <p>Inkludi l-Bejgħ bl-Imnut jew Mhux bl-imnut, abbażi tad-detentur fl-ambitu.</p> <p>Il-bejgħ bl-imnut għandu jiġi inkluż jekk id-detentur fl-ambitu jikkwalifika bħala detentur bl-imnut, kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt 37, tar-Regolament (UE) 2023/1114.</p> <p>Il-bejgħ mhux bl-imnut għandu jiġi inkluż mod ieħor.</p> |
| 0050 | <p><u>Pajjiż</u></p> <p>Inkludi l-isem tal-pajjiż tad-detentur fl-ambitu, f'konformità mal-paragrafu 9 ta' dan l-Anness.</p> |

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|-----------------|---|
| | Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom jallokaw ringiela waħda għal kull detentur speċifiku fl-ambitu. |

V. Kummenti ġenerali dwar il-mudell S 06.02

10. Il-mudell S 06.02 fih l-informazzjoni meħtieġa dwar id-detenturi li għandhom jiġu sottomessi lill-emittenti, biex l-emittenti jikkalkolaw b'mod preċiż in-numru ta' detenturi għall-mudell S 01.00 tal-emittenti skont l-Anness I u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902. Il-mudell S 06.02 għandu jkun fih biss daww id-detenturi li huma persuni fiżiċi.
11. Dan il-mudell għandu jkun fih informazzjoni fi tmiem id-data ta' referenza, f'konformità mal-mudell S 01.00 "Għadd ta' detenturi – fid-data ta' referenza" li għandu jiġi sottomess lill-emittenti kif ippreżentat fl-Anness I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2902. Il-pajjiż ta' detentur għandu jiġi ddeterminat mill-post tad-detentur kif ġej: għall-persuni fiżiċi, ir-residenza abitwali tagħhom.
12. Sabiex jiġi rrapportat il-hashed CONCAT għal kull detentur, għandu jiġi segwit l-approċċ ta' hawn taħt għal detenturi li huma persuni fiżiċi fil-kolonna 0010:

³ Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).

- (a) L-ewwel, il-persuna fiżika għandha tiġi identifikata bl-użu tal-kodiċi CONCAT tagħha, ir-riżultat tal-konkatenazzjoni tal-elementi li ġejjin fl-ordni li ġejja:
- i. l-ISO 3166-1 alpha-2 (kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri) taċ-ċittadinanza tal-persuna fiżika;
 - ii. id-data tat-twelid tal-persuna fiżika fil-format SSSSXXJJ;
 - iii. l-ewwel ħames karattri tal-isem; u
 - iv. l-ewwel ħames karattri tal-kunjom.

Il-prefissi mal-ismijiet għandhom jiġu esklużi, u l-ismijiet u l-kunjomijiet iqsar minn ħames karattri għandhom jiġu meħmuża b'“#” sabiex jiġi żgurat li r-referenzi għall-ismijiet u l-kunjomijiet f'konformità mal-paragrafu 12(a)(iii) u (iv) ikun fihom ħames karattri. Il-karattri kollha għandhom ikunu f'ittri kapitali. Ma għandhomx jintużaw appostrofi, aċċenti, singijiet, marki tal-punteġġatura jew spazji. Pereżempju, il-kodiċi CONCAT ta' Jañe Döe, imwiela fl-1 ta' Jannar 1910 u b'ċittadinanza Żvediża se jkun: SE19100101JANE#DOE##.

- (b) Wara li jkunu kisbu l-kodiċi CONCAT, il-fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi għandhom janonimizzaw l-informazzjoni personali tad-detentur tat-token billi jipproċessawha permezz tal-Algorithmu ta' Hash Standardizzat 256 (SHA-256). Il-fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi għandhom imbagħad jirrapportaw fil-kolonna 0010 l-hekk imsejħa hashed CONCAT, ir-riżultat tal-kodiċi CONCAT deskritt fil-paragrafu 12(a) hawn fuq, ipproċessat permezz tal-algoritmu SHA-256. Bħala eżempju, il-valur hashed tal-kodiċi CONCAT ta' Jañe Döe li għandu jiġi rrapportat ikun dan li ġej: 61d0ca6dbc632b379d6c8f57705bd7e6b13daf37d9398605cc2a252be75fdecb.

VI. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi tal-mudell S 06.02

| Kolonna | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|---------|--|
| 0010 | <u>Hashed CONCAT</u> Il-hashed CONCAT tal-persuni fiżiċi, skont l-approċċ deskritt fil-paragrafu 12. |
| 0020 | <u>Bejgħ bl-imnut/mhux bl-imnut</u> Inkludi l-Bejgħ bl-Imnut jew Mhux bl-imnut, abbażi tad-detentur fl-ambitu. Il-bejgħ bl-imnut għandu jiġi inkluż jekk id-detentur fl-ambitu jikkwalifika bħala detentur bl-imnut, kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt 37, tar-Regolament (UE) 2023/1114. Il-bejgħ mhux bl-imnut għandu jiġi inkluż mod ieħor. |
| 0030 | <u>Pajjiż</u> Inkludi l-isem tal-pajjiż tad-detentur fl-ambitu, f'konformità mal-paragrafu 11 ta' dan l-Anness. |

PARTI III: INFORMAZZJONI DWAR TRANŻAZZJONIJIET (S 07.05)

VII. Kummenti ġenerali dwar il-mudell S 07.05

13. Il-mudell S 07.05 jinkludi informazzjoni dwar in-numru totali u l-valur aggregat totali tat-tranżazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar li huma assoċjati mal-użi tiegħu bħala mezz ta' skambju u jew meqjusa bħala influż lejn l-UE jew bħala fluż ta' ħruġ minnha. Din l-informazzjoni pprovduta lill-emittenti se tkun rilevanti għall-valutazzjoni tas-sinifikanza skont l-Artikolu 43(1)(e) u kif speċifikat aktar fl-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1506⁴.
14. Għall-finijiet ta' dan il-mudell, daww it-tranżazzjonijiet għandhom ikunu fl-ambitu li huma definiti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2023/1114 u speċifikati aktar fl-istandards tekniċi regolatorji adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22(6) tar-Regolament (UE) 2023/1114 bħala tranżazzjonijiet assoċjati mal-użi tagħhom bħala mezz ta' skambju.
15. Dan il-mudell għandu jsegwi r-rekwiżiti, il-metodoloġija u l-ambitu stabbiliti mill-istandards tekniċi regolatorji adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22(6) tar-Regolament (UE) 2023/1114, bl-eċċezzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) Għal dan il-mudell, it-tokens fl-ambitu għandhom ikunu t-tokens irreferenzjati ma' assi u t-tokens tal-flus elettroniki kollha, inklużi tokens tal-flus elettroniki li jirreferu għal munita uffċjali ta' Stat Membru tal-UE.
 - (b) Għal dan il-mudell jew il-prenditur jew il-pagatur tat-tranżazzjoni jinsabu fl-UE. Meta l-pagatur ikun dak li jinsab fl-UE, daww it-tranżazzjonijiet għandhom jitqiesu għar-ringiela 0020 Fluż ta' ħruġ mill-UE. Meta l-prenditur ikun dak li jinsab fl-UE, daww it-tranżazzjonijiet għandhom jitqiesu għar-ringiela 0010 Influs fl-UE.
 - (c) Għal dan il-mudell mhi meħtieġa l-ebda diżaggregazzjoni taż-żona tal-munita unika.
 - (d) Għal dan il-mudell għandhom jiġu kkalkolati n-numru totali u l-valur aggregat totali tat-tranżazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar, mhux il-valuri medji.
16. Il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi għandhom isegwu l-approċċ ta' hawn taħt biex jiddeterminaw liema tranżazzjonijiet għandhom jinkludu fl-ambitu ta' dan il-mudell:
 - (a) Tranżazzjonijiet fejn il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jaġixxi bħala l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi tal-benefiċjarju jew tal-prenditur tat-tranżazzjoni li fiha jkun involut il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi. F'dawn il-każijiet, l-oriġinatur jew il-pagatur tat-tranżazzjoni jkun jew qed jinteraġixxi wkoll permezz ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew mingħajr l-involvement ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, pereżempju permezz tal-kartiera mhux ta' kustodja tiegħu.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1506 tat-22 ta' Frar 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika ċerti kriterji għall-klassifikazzjoni tat-tokens irreferenzjati ma' assi u tat-tokens tal-flus elettroniki bħala sinifikanti (ĠU L, 2024/1506, 30.5.2024).

- (b) Tranżazzjonijiet fejn il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jaġixxi bħala l-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi tal-oriġinatur jew tal-pagatur tat-tranżazzjoni li fiha jkun involut il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi. F'dawn il-każijiet, il-benefiċjarju jew il-prenditur tat-tranżazzjoni qed jinteraġixxi mingħajr l-involviment ta' fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi, pereżempju permezz tal-kartiera mhux ta' kustodja tiegħu. Dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet għandhom jiġu kkalkolati u kkunsidrati għall-mudell fuq bażi tal-aħjar sforz, minħabba l-informazzjoni limitata li l-fornitur tas-servizzi tal-kriptoassi tal-oriġinatur jew tal-pagatur tat-tranżazzjoni jista' jkollu fuq iż-żewġ detenturi involuti fit-trasferimenti.

VIII. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi tal-mudell S 07.05

| Ringiela | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|-----------------|---|
| 0010 | <u>Influss lejn l-UE</u> Dawk it-tranżazzjonijiet fejn il-prenditur tat-tranżazzjoni jinsab fl-UE u l-pagatur tat-tranżazzjoni jinsab barra mill-UE. |
| 0020 | <u>Fluss ta' ħruġ mill-UE</u> Dawk it-tranżazzjonijiet fejn il-pagatur tat-tranżazzjoni jinsab fl-UE u l-prenditur tat-tranżazzjoni jinsab barra mill-UE. |

| Kolonna | Referenzi legali u struzzjonijiet |
|----------------|--|
| 0010 | <u>Għadd</u> L-għadd totali ta' tranżazzjonijiet fil-perjodu ta' rapportar. |
| 0020 | <u>Ammont</u> Il-valur aggregat totali tat-tranżazzjonijiet fil-perjodu ta' rapportar. |